MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Numru 770/2005

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Tabone ta’ 44 sena bin Carmel Emanuel u Teresa nee Jacono imwieled il-Hamrun fit-22 ta’ Diċembru 1960 u li joqgħod f’The Oaks Xarolla Avenue Żurrieq. Detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 10261(M)

Akkużat talli fit-3 t’Awissu 2005 u fil-ġranet ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, personalment jew bħala Direttur tal-Kumpanija ‘Webwaves Limited’ (bin-numru tar-reġistrazzjoni C26115), mingħajr awtorizzazzjoni ipprevjena jew ostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ (337C(1)(d) tal-Kap 9).

2. Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta’ sejbien ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti esibiti.

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż ta' l-esperti.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta'l-imputat li jġib in-numru 102 tas-sena 1961, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.6),.l-istqarrija ta' l-imputat a fol.13, 14 u 15, ir-rapport mibgħut mill-Pulizija mis-Sur Godfrey Vella, Chief Executive Officer tad-Datastream Limited, Dok DA (fol.39 u DA1 (fol.40), id-dokumenti mill-MFSA dwar Webwaves Limited (fol.77), Global Services Limited u Tabone Computer Centre Limited, il-korrispondenza bejn il-Malta Communications Authority u s-Sur Godfrey Vella (fol.181), il-korrispondenza bejn Datastream u l-Malta Communications Authority (fol.185), u r-recording tat-trattazzjoni.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**Il-fatti huma dawn.**

7. Il-Pulizija rċeviet ilment minn għand Datastream Limited li nfurmat lill-Pulizija li xi ħadd kien qed jilgħab ma' l-Internet b'tali mod li l-website URL, irreġistrata f'isem Datastream, kienet qed tkun diretta lejn site li mhux ta' Datastream Limited iżda lejn site reġistrata f'isem Joe Tabone Computer Centre, Santa Venera. Dan kien jaffettwa lil dawk li jużaw id-Domain Name Servers li għandhom l-indirizzi IP 194.105.32.12 u 194.105.32.2 li t-tnejn huma reġistrati ma' RIPE taħt Tabone Computer Centre. Is-sit li qed ikun attakkat huwa www.stream.net.mt. Is-site tad-Datastream, għall-users li kienu reġistrati fuq il-kumpanija Tabone Computers, il-Globe bħala ISP, meta kienu jagħfsu www.stram.net.mt flok li kien qed jeħodhom għal dan is-site kien qed jeħodhom għal site ta' internet differenti.

8. Skond l-Ispettur Ian J Abdilla, l-imputat bl-ebda mod ma ostakola lill-Pulizija u qalilhom li kien hu stess li qabbad lit-technicians biex jagħmlu din il-ħaġa. Huwa informa lill-Pulizija li l-klijenti kellhom jakkwistaw l-ADSL services minn għandu u mhux mid-Datastream. Għall-imputat dawn kienu affarijiet ta' natura kummerċjali u dak il-ħin stess ta struzzjonijiet lit-technicians biex ineħħu r-rerouting. Din ir-redirection kienet għal ftit jiem biss.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat.**

9. Fl-istqarrija tat-3 t'Awissu 2005, l-imputat qal li hu kien il-Managing Director ta' Tabone Computer Services u ta' Webwaves Limited.

10. Huwa kkonferma li d-DNS kien issettjat biex juri l-paġna tas-servizz Global Streaming li qegħda tbiegħ ADSL service mill-kumpanija tiegħu u dan kien is-servizz mibjugħ lilhom mid-Datastream Limited bl-isem ta' Stream.

11. Meta kien mistoqsi kif kien issettjat id-DNS fir-rigward to www.stream.net.mt huwa wieġeb li dan kien issettjat biex jibqa' fuq l-istess network li huwa global.net.mt. Huwa kkonferma li l-IP addresses 194.105.32.1 u 194.105.32.2 kienu tal-kumpanija tiegħu.

12. Imbagħad kien hemm il-mistoqsija:

'Tikkonferma li meta user fuq in-network tagħkom jipprova jaċċessja l-paġina stream.net.mt mid-DNS server tagħkom, jiġi resolved għal fuq il-paġina tagħkom minflok fil-paġina hawn fuq imsemmija?

Huwa wieġeb:

'Jien nikkonferma li fil-jumejn li għaddew sa siegħa ilu, kull user madwar id-dinja li kien qed juża d-DNS 194.105.32.2 fil-computer tiegħu, dan kien qiegħed jidħol fl-istess network tagħna.'

13. Huwa kkonferma wkoll, wara li ntwera l-paġina bit-titolu Globalstreaming, li meta user madwar id-dinja juża d-DNS server tal-kumpanija 194.105.32.2 biex jidħol fil-paġina stream.net.mt kien qed jiġi resolved f'dik il-paġina.

14. L-imputat wieġeb ukoll li ħadd ma kien bidel xejn fil-konfront ta' stream.net.mt iżda huma għamlu DNS entry ġdida. Huwa kien ta l-ordni biex dan isir. (fol.14)

15. Qabel ma saret din, l-entry user minn madwar id-dinja li juża d-DNS 194.105.32.2 seta' jkollu aċċess għall-paġina stream.net.mt. L-imputat qal li dan l-aċċess seta' jsir kemm qabel kif ukoll wara b'dan pero' li s-servizz ta' l-ADSL li jingħata mid-Datastream beda jintwera fuq il-paġina ta' fuq in-network tagħhom li għandha t-titolu ta' Global Streaming.

16. L-imputat ikkonferma wkoll li paġni fuq l-internet jingħataw isem biex wieħed ma jsibhiex diffiċli jaċċessja paġina.

17. L-imputat kien ta struzzjonijiet lin-nies tekniċi sabiex tittieħed kopja tas-settings kif kienu u flimkien mal-Pulizija li kienu preżenti fil-kamra ta' l-istess DNS server kienet ipprintjata kopja u fl-istess ħin tneħħiet id-DNS entry li kienet tpoġġiet fl-1 t'Awissu 2005 (jumejn qabel) u li minħabba fiha nqalgħet din il-kwistjoni.

## Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni

18. Xehed ukoll l-ispettur Paul Caruana li qal li fit-2 t'Awissu 2005 huma kienu stabbilew li meta user minn network ta' Webwaves bed jittajpja l-address www.stream.net.mt minflok beda jmur f'paġina oħra (Doc PC 1) jiġifieri kien qed imur fil-paġina Global stream. Il-user jittajpja l-indirizz imsemmi u jkun ikkonvertit għal dak in-numru u jmur fil-post l-ieħor (numru tan-network ta' l-imputat). Flok titla' l-paġina li wieħed ikun ittajpja titla' l-paġina tan-network ta' l-imputat. (fol.19).Dan ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien ta ordni biex titneħħa.

19. PS 498 David Agius xehed li meta użaw intenet connection oħra – mhix dik tal-global – setgħu jidħlu għall-website tad-Datastream, iżda malli daħal b'dik tal-Globalnet kien jidħol fis-site managed mill-Globalnet. Il-users li kienu jużaw is-settings kif rakkomandat minn Globalnet kienu qed jaċċessjaw site kompletament differenti (fol.28) li kien jirrigwarda servizz ta' provision of internet min-naħa ta' Globalnet. Martin Piccione (impjegat ta' l-imputat) kien ikkupjalhom file partikolari li fih is-setting sabiex persuna meta tagħti l-address tal-website 'stream.net.mt' tiġi redirected u tkun indikata l-website Globalnet. Imbagħad fit-3 t'Awwissu inbidel l-IP u l-IP, minflok baqa' jipponta
lejn il-website tal-Globalnet, ġie jipponta lejn il-website tad-Datastream. Dan sar wara struzzjonijiet mill-imputat. (Ara l-printout a fol.40). Qabel ma seħħet din il-bidla, is-setting kien, flok jagħti l-isem, stream.net.mt, jirrelata għal IP ieħor.

20. Dan ix-xhud ikkonferma li dan ix-xogħol sar kollu fuq id-DNS server ta' l-imputat u mhux fuq apparat ta' ħadd ieħor. (fol 32) Huwa ta l-IP address tal-website bħala 194.105.32.3 (fol 33). Min joffri s-servizz ta' l-internet ikun xtara sett ta' numri u mbagħad it-translation min-numri għall-kelma jagħmlu min jipprovdi s-servizz bid-DNS. Id-DNS servers ta' Datastream ma ntmissux iżda l-klijenti ta' l-imputat li kienu riedu jidħlu fil-website stream.net.mt (kif jidħlu l-membri kollha ta' l-ISP's oħra), ma jidħlux fil-website tal-kumpanija Datastream imma minflok jkun immexxija post ieħor. Mhux normali li persuna tittappja n-numru ta' website meta juża l-internet.

21. Xehed Jason Vella li huwa in charge mill-customer care ta' Datastream. Huwa xehed li kienu llanċjaw servizz ġdid bl-isem ta' 'Stream'.' Imbagħad irċieva e-mail minn għand klijent li għarrfu li kien qed jipprova jidħol fis-site tagħhom biex jixtri s-servizz u kien qed ikun redirected fuq site oħra. Is-Sur Jason Vella ma marx id-dar tal-klijent biex jara hu nnifsu x'kienet il-problema.

22. Xehed ukoll Stephen Camilleri li kien Network Operations Manager ma' Datastream. Huma kienu rċevew

e-mails b'complaints jistaqsuhom jekk is-servizz offert kienx tagħhom biss jew bi sħab ma' Globalnet. Huma għamlu t-test u raw li kien veru u kien ċempel lis-surġent David Agius. Huma kienu bagħtu ittra kemm lill-Ispettur Caruana kif ukoll lill-MCA. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li s-servizz Stream kien llanċjat f'Lulju u l-indirizz kien www.stream.net.mt Ix-xhud qal li jista' jgħid b'ċertezza li peress li d-DNS servers tal-Globalnet kienu jippontaw lejn servers tal-Globalnet kull min ikun qed juża s-servizz ta' l-internet minn mal-Globalnet u jittapja www.stream.net.mt jkun redirected lejn il-page tal-Globalnet minflok.

23. Fil-kontro-eżami x-xhud ta d-DNS server number bħala 194.105.32.2 (fol.48). Huwa qal ukoll li id-DNS servers, primary u secondary, huma żewġ servers li jkunu ta' Tabone (l-imputat) ta' l-ISP li għandhom il-funzjoni li jaqilbu l-UL, jiġifieri www għal numru. Huwa qal ukoll li l-pubbliku seta' jkun jaf in-numru billi tiċċekkja fil-computer tiegħu x'settings għandu. (Ara wkoll DOk SC 2 a fol.56 u 57 speċjalment jekk tqabbel in-naħa tax-xellug tal-webpage 'global' man-naħa tax-xellug tal-webpage 'stream'.)

24. Dr.Paul Micallef, Chief Legal Adviser ma' l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, spjega li Webwaves Company Limited, spjega li Webwaves Limited ma kienx hemm bżonn liċenzja biex topera. Kulma ried kien li jimla formola biex jinforma lill-Awtorita' li kien ser jibda jagħti ċerti servizzi.

25. Robert Sultana, Direttur tal-Computing Centre fl-Universita', xehed li stream.net.mt hija tal-Kumpanija Datastream Ltd. Dawn kienu infurmawhom meta rreġistraw id-domain stream.net.mt. Min-naħa l-oħra id-domain global.net.mt kienet ġiet reġistrata mis-Sur Joseph Tabone ta' Tabone Computer Centre.

26. Is-Supretendent Alexandra Mamo esibixxiet id-dokumenti li juru li Webwaves Limited, Global Services Limited, u Tabone Computer Centre Limited liema dokumenti juru li l-imputat kien direttur f'dawn is-soċjetajiet.

**Provi Difiża**

27. L-Ispettur Ian Abdilla in kontro-eżami xehed li r-re-routing kien sar fuq l-apparat ta' Tabone Company Limited stess. Huwa ma kienx daħal f'sistema ta' ħadd ieħor. (fol 142). Huwa spjega wkoll li jekk wieħed iħallas għas-servizz lill-Maltanet flok lil Tabone, jekk wieħed kien jittajpja www.datastream.com kien jidħol fis-site normali. Ix-xhud qal li kien jaf li kien hemm xi problemi bejn id-Datastream u Tabone Company limited fuq xi fees għas-servizz.

28. L-imputat xehed li Webwaves Limtied hija internet service provider. Is-servizz huwa monopolju ta' l-ADSL li jkun offrut minn ditti. Id-Datastream kellha l-monopolju meta seħħ dan il-każ. Din tbigħ kemm il-prezz li bih hija tikkonnettjah mal-klijent kif ukoll l-international band width. Din tqum flus kbar (ta' liri) fix-xahar u tittieħed mill-klijenti. Fi żmien xi fieri s-servizz ta' Datastream jinbiegħ jew bil-prezz li jeħduh is-service providers jew orħos. Dwar dan il-punt kienu oġġezzjonaw diversi operators mal-Malta Communications Authority. A fol. 156, l-imputat xehed li huwa kien ta instructions lil persuni tekniċi sabiex fuq server addizzjonali ngħidulu DNS (194.105.32.2) jinbidillu s-setting tad-dizzjunarju biex meta xi ħadd juża d-DNS u jitlob lil din il-page. Kienu marru l-Pulizija għandu u qalulu biex jinblokka s-site ta' Datastream. Minn sitt DNS's huma kienu bidlu wieħed. (fol. 158). Ix-xhud żied jgħid li l-uniku dizzjunarju li juża l-klijent huwa it-32.12. Jekk dan jieqaf hemm it-32.2. Huwa qal ukoll li l-effett kien jinħass kieku bidel it-32.12 u mhux it-32.2. Min kellu it-32.12 ma kienx effetwat. Biex tidħol fit-32.2 ridt tittajpja dak in-numru. Huwa nsista wkoll li Stephen (Camilleri) hekk kien għamel.(fol.160). Fi ftit kliem ridt tibdel id-DNS tas-setting tiegħek biex tagħmlu 32.2. Dak li hu backup tagħmlu primary għax kull user jista' jibdlu. Lill-Pulizija huwa kien qalilhom li kien hemm kontestazzjoni, li s-server huwa tiegħu, iżda peress li qalulu li dan kien reat kriminali huwa

obda minnufih. Id-Datastream stess kienu kkonfermaw li d-DNS primarju huwa 32.12 u s-skondarju huwa 32.2. Fl-aħħarnett l-imputat qal li skond ix-xhieda ta’ PS 498 David Agius huwa ddeskriva d-DNS bħala 194.105.32.3. Fir-realta’ it-32.3 huwa backup tat-32.2 imma dan ma ntuża mkien. Irid ikun xi ħadd tekniku biex idaħħlu.

29. Dr.Paul Micallef ikkonferma li kienu rċevew complaint minn diversi ISP’s dwar l-offerti ta’ Datastream għaliex dawn l-ISP’s ħassewhom li kienu qed isofru dannu minħabba l-offerti li kienet qed tagħmel Datastream. Il-qofol tal-kwistjoni kien li Datastream kienet qegħda tbaxxi l-prezz b’mod li l-ISP’s kienu qed jiffaċċjaw prezzijiet baxxi wisq. Imbagħad l-Awtorita’ kienet tat ċerti direttivi lid-Datastream. (Ara fol.177)

**Trattazzjoni**

30. Il-Prosekuzzjoni nsistiet li kienet irċeviet ilment minn għand id-Datastream li klijenti ta’ din il-kumpanija li riedu jaqbdu magħhom permezz ta’ l-ISP offrut minn Joseph Tabone kienu qed isibu diffikulta’ biex jidħlu f’din is-sistema u meta kienu jikkijaw www.streat. net.mt flok jidħol fl-Internet site to Datastream Ltd kien qed jiġi diverted f’waħda mill-kumpaniji ta’ l-imputat Joseph Tabone. L-imputat kien ikkonferma li għamel din ir-redirection. L-imputat stess kien spjega x’kien għamel. Dan l-imputat qatt ma seta’ jagħmlu. Huwa kien ostakola lill-klijenti tiegħu milli jidħlu u jaraw data tal-kumpanija Datastream. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-istqarrija ta’ l-imputat keinet prova fiha nnifisha. Huwa ma ċaħadx li kien għamel dak il-pass. L-akkuża tinkwadra għaliex l-ISP qed jagħlaq l-aċċess għal dak li wieħed irid jara. L-imputat mhux home user imma huwa ISP. Kien hemm klijenti li kienu jafu li jekk jikkijaw in-numru jaslu fejn għandhom jaslu.

31. Id-Difiża ssottomettiet li ma kienx ġie user wieħed jixhed li ġralu kif allegat il-Prosekuzzjoni. Allura m’hemmx prova li xi ħadd kien rerouted. Barra dan l-imputat kien għamel ir-rerouting fuq is-secondary server u mhux fuq il-

primary server. Ma nġiebet ebda prova li l-primary server kien waqaf. Huwa wkoll diffiċli biex issib il-code tiegħu. Biex xi ħadd ikun daħal mis-secondary server bilfors li xi ħadd irid ikun tah dan in-number. Il-Pulizija wkoll semmiet in-numru 105.32.12 u l-prova fuq dan ma tirriżultax. Il-105.32.2 kellu aċċess għalih xi espert tekniku. Barra dan kollu, kien żmien meta l-ISP's kienu qed isofru mill-prezzijiet li kienet qed toffri d-Datastream. Fl-aħħarnett ir-rerouting sar fuq secondary server li kien tal-kumpanija personali. Fi ħwejġu wieħed jista' jagħmel li jrid u l-imputat kellu kull dritt li jirreżisti l-illegalita'.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

32. Il-Prosekuzzjoni ħarġet imputazzjoni kontra l-imputat taħt l-artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kap 9.

Dan l-artikolu jipprovdi kif ġej:

'(1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel ix wieħed minn dawn l-affarijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:

Omissis

(d) tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ.'

33. Skond is-subparagrafu (2) ta' l-istess artikolu:

(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata.

34. Skond is-subparagrafu (3)

(a) persuna tiqies li tkun għamlet reat irrispettivament jekk, fil-każ ta' xi modifikazzjoni, dik il-modifikazzjoni tkunx maħsuba li tkun waħda permanenti jew temporanja.'

L-artikolu 337B tagħti definizzjonijiet ta' 'software', ta' 'dokumentazzjoni ta' appoġġ' kif ukoll ta' 'computer'

35. ‘Software’ tfisser program, proċedura jew dokumentazzjoni relattiva ta’ computer li jintużaw fit-tħaddim ta’ sistema ta’ computer;

36. ‘Dokumentazzjoni ta’ appoġġ’ tfisser kull dokumentazzjoni li tintuża fis-sistema tal-computer fil-kostruzzjoni, kjarifika, implimentazzjoni, użu jew modifikazzjoni tas-software jew tad-data.

37. ‘Computer’ tfisser apparat elettroniku li jwettaq funzjonijiet ta’ loġika, aritmetika u memorja billi jimmanipula impulse elettroniċi jew manjetiċi, u tinkludi kull input, output, proċessar, ħżin, software u faċilitajiet ta’ komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma’ computer f’sistema ta’ computer jew computer network.’

38. Għat-tifsir tal-kelma ‘data’ nsibu dawn id-definizzjonijiet f’sorsi oħra u ***mhux*** fl-artikolu 337B tal-Kap 9:

(i) **‘Data** refers to a collection of organised information usually the results of experience observation or experiment, or a set of premises. This may consist of numbers, words, or images, particularly as measurements or observations of a set of variables.’ (Ara Wikipedia)

(ii) L-Oxford English Dictionary jagħti dawn id-definizzjonijiet:

(a) Known facts or things used as a basis for inference or reckoning;

(b) Quantities or characters operated on by a computer; (edizzjoni 1991)

(iii) Il-Macmillan English Dictionary for Advanced Learners 2006 jagħti din id-definizzjoni:

‘Information in a form that a computer can use.’

39. Kif inhu fformulat l-artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kap jidher li jinħtieġ dawn l-elementi biex iseħħ dan ir-reat:

(a) Nuqqas ta' awtorizzazzjoni; u

(b) Prevenzjoni jew ostakolu tad-dħul għal

jew (a) xi data, jew
(b)software, jew
(c)dokumentazzjoni ta' appoġġ;

(ċ) f'xi computer

**Applikazzjoni ta' l-artikolu għall-fatti**

40. Mill-provi jirriżulta li l-imputat ma kellu ebda awtorizzazzjoni li b'xi mod jostakola id-dħul ta' xi data. Għalhekk huwa soddisfatt l-ewwel element.

41. Mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li l-imputat huwa direttur f'kull waħda mit-tliet soċjetajiet li tagħhom kien ippreżentat il-Memorandu u l-Articles of Association.

42. L-imputazzjoni inħarġet ukoll kontra l-imputat personalment. Mill-istqarrija ta' l-imputat jirriżulta li kien hu li ta struzzjonijiet biex isir rerouting meta s-subscribers tiegħu jikkijjaw www.stream.net.mt isibu ruħhom f'site oħra.

43. Peress li ċ-ċitazzjoni ma tindaka ebda numru u peress li ċitazzjoni kulma għandha jkollha huwa tagħrif bażiku sabiex l-imputat ikun jaf għalxiex għandu jirrispondi, ir-referenzi li saru mid-difiża dwar numri partikolari li ngħataw ma jbiddlu xejn mis-sitwazzjoni. Stante dak li stqarr l-imputat, dan l-element huwa soddisfatt ukoll.

44. Jonqos għalhekk li jkun eżaminat it-tielet element **- il-computer**. Is-subtitolu V tat-Titolu IX huwa **'Fuq l-użu mhux kif dovut tal-Computer'**.

45. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikoli 337B, 337Ċ, 337D, 337E, 337F u 337G huma intiżi sabiex irażżnu reati li jistgħu jsiru

f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontenut ta' computer jew ta' l-apparat innifsu jew ta' xi software jew ta' faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' computer f'sistema ta' computer jew computer network.

46. L-artikolu 337Ċ isemmi l-kelma 'computer' b'mod speċifiku fis-subparagrafi (a),(b), u (i) biss, jiġifieri fi tliet sub-paragrafu minn għaxra. Fis-sub-paragrafu magħżul mill-Prosekuzzjoni l-kelma 'computer' ma tidhirx.

47. B'danakollu, eżami akkurat tas-subparagrafi, tat-titolu u tad-definizzjonijiet mogħtija fl-artikolu 337B jindikaw ċar li fl-artikoli 337B sa 337G l-Leġislatur kien qed jirregola reati li għandhom x'jaqsmu mal-computer biss. Għalkemm fis-subparagrafi msemmija l-kelma 'computer' ma tidhirx ma jfissirx li l-Leġislatur kien qed jilleġisla għal sitwazzjonijiet li huma barra l-computer misuse. Barra minn hekk, ma jirriżultax mill-kliem tal-Liġi f'dawn l-artikoli li l-aġir ta' l-ISP's huwa b'xi mod kopert.

48. Is-sitwazzjoni ta' l-imputat hija dik ta' ISP. Skond il-Wikipedia,

'An ISP is a business organization that provides consumers or businesses access to the Internet and related services. In addition to Internet access via various technologies such as dial-up and DSL they may provide a combination of services including Internet transit, domain, name registration and hosting, web hosting and collocation.;

•

Just as their customers pay them for Internet access, ISPs themselves pay upstream ISPs for Internet access. In the simplest case, a single connection is established to an upstream ISP, and the ISP uses this connection to send or receive any data to or from parts of the Internet beyond its own network;'

49. Fis-subtitolu V tat-Titolu IX tal-Kap 9 imkien ma nsibu definizzjoni ta' ISP. Għal kuntrarju fil-Konvenzjoni tal-Kunsill Ewropea Numru 185 li hija dwar is-Cybercrime hemm definizzjoni speċjali ta' l-ISP's kif ukoll hemm artikoli ad hoc li jorbtu l-Gvernijiet joħolqu liġijiet ta' x'għandu jkun ir-rwol ta' dawn l-ISP's f'każijiet ta' Cybercrime.

50. Dan is-subtitolu tal-Kap 9 la għandu x'jaqsam mas-Cybercrime u wisq anqas ma jidher li hemm ħjiel li l-Leġistlatur ried jikkontrolla lill-ISP's permezz ta' dan is-subtitolu..

51. Milli provi jirriżulta li l-imputat irreroutja ċerta 'data' iżda ma jirriżultax li huwa b'xi mod daħal f'xi sistema ta' computer privata u ostakala id-dhul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ skond kif kienet dedotta l-imputazzjoni kontrih u skond il-kliem ta' l-artikolu 337Ċ(1)(d).

52. F'kull konsiderazzjoni ta' l-artikolu 337Ċ(1)(d), ma jistax wieħed jinjora li r-reati kontemplati huma dawk marbuta ma l-użu mhux kif dovut tal-computer jew kif inhu magħruf bl-Ingliż 'Computer Misuse'. Lanqas ma jista' wieħed jinterpeta l-kliem 'tippreveni jew tostakolu d-dħul ta' xi data' bħala li japplika għal kull sitwazzjoni jew li dawn jistgħu jinfatmu minn subtitolu speċjali tal-Liġi li qiegħed jirregola ċerta sitwazzjonijiet. Fil-kamp Kriminali, mhux permess interpretazzjoni daqshekk wiesgħa.

53. L-azzjoni ta' l-imputat ***tista' forsi*** taqa' taħt xi regolament ieħor magħmul taħt Liġijiet oħrajn imma ma tistax titqies li taqa' taħt il-kliem użat fiċ-ċitazzjoni li tirriproduċi kelma, b'kelma id-diċitura ta' l-artikolu. Dan ir-regolament, jekk jeżisti, qatt ma kien iċċitat mill-Prosekuzzjoni u mhux bil-fors li dan ir-reat f'dan ir-regolament ikun kompriż u involut fl-imputazzjoni. [1] L-

---

**1**

**Teenager is cleared for crashing former employer's email server**

Industry experts are calling for changes to the UK Computer Misuse Act (CMA), after a teenager walked free from court last week after allegedly crashing his former employer's email server. The teenager, who cannot be named for legal reasons, was accused of flooding email servers at the insurance firm he worked for by sending five million emails.Despite being charged under Section Three of the Act – which criminalises unauthorised

eżempju mogħti fil-footnote juri li Liġi (hawn il-Misuse of Computer Act ta' l-Ingilterra) mhux bilfors li tkopri kull sitwazzjoni li tinqala'.

u l-fatt li l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa diġa' kellu jiżdidilha Prokoll juri kif is-sitwazzjoni fejn jidħlu l-computers u l-komunikazzjoni trid tkun il-ħin kollu taħt osservanza għal kull żvilupp.

54. Meta jitqiesu l-punti kollha eżaminati fil-paragrafi preċedenti (32 sa 53), ma jidhirx li r-rerouting li għamel l-imputat jaqa' taħt dan l-artikolu jew taħt il-kliem kif użat fl-imputazzjoni li hu riflessjoni ta' l-istess artikolu..

**Konklużjoni**

55. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

56. Il-Qorti mhix tilqa't-talbiet l-oħra tal-Prosekuzzjoni għaliex ma nstabet ebda ħtija, kien ippreżentat ebda esibit li wieħed jista' jissekwestra u ma tqabbad ebda espert fil-mori tal-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

access to or modification of computer systems – the courts ruled that the teenager's actions did not break the law.It was alleged that he used email 'bombing' software called Avalanche, but District Judge Kenneth Grant of Wimbledon Magistrates Court ruled that no offence was committed under the Act, which dates back to 1990. The teenager's defence lawyers claimed that email servers are designed to receive emails, and that what happened did not constitute unauthorised modification.